MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-16 ta' April, 2015

Numru. 472/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs.**

**Luciano Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Luciano Galea**, ta' disgha u tletin (39) sena, iben David u M'Assunta neé Vella, imwieled Pietà, nhar il-11 ta' Ottubru 1973, u residenti fil-fond numru 130, Flat 5, Triq San Nikola, Valletta, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 479773(M), akkuzat talli nhar it-3 ta' Mejju 2012 ghal habta tal-4:00am gewwa San Giljan, f'Malta:

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Salvatore Baldacchino f'periklu car, ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura gravi hekk kif iccertifikat minn Dr. Charmaine Cremona mill-iSptar Mater Dei;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaguna hsara volontarja, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioé diversi oggetti u hwejjeg, liema hsara ma tiskorrix l-€1,116.69 izda tiskorri l-ammont ta’ €116.47 ghad-dannu ta’ Salvatore Baldacchino u dan bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kif ukoll fi zmien ta’ qabel, hadem bhala agenzija ta’ gwardjani privati jew bhala gwardjan privat jew hekk offra s-servizzi tieghu kemm il-darba dan ma kellux licenzja mill-Kummissaru tal-Pulizija;

4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra Saviour Baldacchino sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;

5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f’kaz ta’ htija, flimkien jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Salvatore Baldacchino, ghaz-zamma tal-ordni pubblika, u/jew ghall-iskop ta’ protezzjoni tal-persuni lezi u/jew ta’ individwi ohra minn fastidju w/jew imgieba ohra li tikkaguna biza’ ta’ vjolenza billi tohrog Ordni ta’ Protezzjoni kontra l-akkuzat *ai termini* tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 110) datata 7 ta’ Dicembru 2012 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 214, 215, u 216 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) Artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(c) Artikolu 5 tal-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali, Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(d) Artikolu 339(d) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(e) Artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(f) Artikoli 17, 31, 412C u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-21 ta' Marzu 2013 (*a fol.* 110i), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fis-7 ta' Dicembru 2012, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet lix-xhud prodott mid-difiza.

Semghet, fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2015, is-sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 172 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2012, xehed il-parti leza **Salvatore Baldacchino** (*a fol.* 37 *et seq.*) fejn qal li lill-imputat jafu l-*counting hall* fi zmien l-elezzjoni u li mentri l-imputat ikun qed jassisti lill-Partit Laburista, hu (Baldacchino) jkun qed jassisti lill-Partit Nazzjonalista. Jixhed li dakinhar tal-akkadut kien jinsab Paceville u fil-hin li kien ghaddej minn quddiem il-*club* bl-isem ta' 'Private', fejn jahdem l-imputat, l-imputat offendih. Jghid li lill-imputat jarah hemm ta' kuljum. Jghid: *"beda jkellimni hazin, b'kemm ghandi u x'ghandix. U jghajjarni li jien kurnut u mhux kurnut u dawn l-affarijiet"* (*a fol.* 38). Jghid: *"Kont ghaddej u kont ilhaqt imxejt jien sal-Havana, ftit 'l isfel mill-club taghhom u ghajjat u storbju u kliem hazin. U dort ghalihom "isma tistghu taqtghuha din kuljum l-istess haga?" bum f'daqqa u l-hin daqshekk"* (*a fol.* 39). Jghid li l-imputat tah daqqa ta' ponn f'wiccu u hu (Baldacchino) intilef minn sensieh. Jghid li bid-daqqa ta' ponn inkisirlu n-nuccali. Jixhed li ghandu certifikati li juru li sofra griehi fuq ghajnejh u li jista' jbaghti l-konsegwenzi aktar il-quddiem. Jghid li, qabel din id-darba, l-imputat qatt ma kien refa' jdejh fuqu pero gie li kellhom konfront bil-kliem.

**Salvatore Baldacchino** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2012 (*a fol.* 72 *et seq.*) fejn ezebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati minn Dok. "SB 1" sa "SB 4" (*a fol.* 75 *et*

*seq.*). Mistoqsi jghid jekk wara li l-incident in kwistjoni rawhx xi tobba, jghid li kien qed jara hafna tikek suwed minhabba d-demm.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2013 (*a fol.* 113 *et seq.*), jghid li b'riferenza ghall-akkadut huwa kien wasal Paceville ghall-habta tal-11.00pm. Jghid li ha xi *drinks* pero ma kienx fis-sakra. Mistoqsi jghid fejn kien qieghed, jghid: *"Kont…Private fejn jahdem hu, kont fil-hwienet hu"* (*a fol.* 114). Ma jiftakarx kemm xorob pero jghid li jixrob birra. Meta gie nfurmat li l-Pulizija qalu li kellu riha qawwija ta' xorb, qal: *"Bir-rispett kollu, waqt il-glieda, kien kulhadd barra bit-tazzi f'idu u mlewni"* (*a fol.* 114). Jichad li kien fis-sakra. Jghid li l-imputat kien ta' spiss joffendih meta jghaddi minn quddiemu. Jghid li qatt ma ghamel rapport ta' dan lill-Pulizija. Mistoqsi ghala rega' dar lura wara li kien iddecieda li jmur id-dar, wiegeb: *"billi ghidtlu biex jaqtghuha din"* (*a fol.* 116). Jichad li ried jidhol fil-*club* fejn jahdem l-imputat. Jichad li hu ried jidhol u l-post kien lahaq ghalaq. Jghid li meta mar ikellem lill-imputat, lill-imputat qallu: *"Aqtugha dan! Ha nibqghu sejrin biha din!?"* (*a fol.* 117). Qal li qallu: *"Ghidtlu xi trid tpattuli jiena ghax Nazzjonalist?! X'iridu jpattuli? Mhux kulhadd ghandu dritt ikun li jrid? Hu jzomm ma' min irid imma mhux joffendini kuljum!"* (*a fol.* 117). Jichad li hu (l-parti leza) ta l-ewwel daqqa ta' ponn u li l-imputat iddefenda ruhu. Jichad ukoll li dakinhar tal-akkadut ipprova jidhol gewwa 'Private'. Jghid li qabel ma avvicina lill-imputat, kien qieghed fil-*club* 'AO' u mistoqsi jghid jekk hemmhekk kellux xi jghid man-nies, wiegeb fl-affermattiv u wara qal: *"Mhix kelli xi nghid – is-soltu nitkellmu fuq il-politika"* (*a fol.* 118). Jichad li meta mar hdejn l-imputat kien diga kellu xi feriti fuq wiccu. Ma jiftakarx jekk kienx qed jaghti fuq wiccu fil-mument li mar hdejn PS 1128 Glenn Sammut.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2012, xehed ukoll **PS 1128 Glenn Sammut** (*a fol.* 41 *et seq.*) rigward dak li gara wara li dakinhar tal-akkadut kienet giet ricevuta telefonata fl-Ghassa ta' San Giljan rigward glieda li kienet sehhet f'Paceville. Jghid li meta mar fuq il-post sab lill-parti leza li qallu li kien qala' daqqa ta' ponn minn ghand *bouncer* li jahdem gewwa l-*club* 'Private'. Jghid li l-parti leza ndikalhom li dan kien l-imputt. Jghid: *"Jien bdejt inkellem lil Luciano Galea biex naraw x'gara u x'ma garax qalli: "dan gie biex jaggredini quddiem il-Private, jien ilqajtlu d-daqqa u mbuttajtu u beda joffendini bil-politika u bir-razza u bir-redika u bil-mejtin"* (*a fol.* 41). Jghid li fil-hin li kien qed ikellem lill-imputat, rega' mar il-parti leza li beda jidghi, isemmi l-politika u beda jaghti b'idejh il-leminija fuq wiccu. Ezebixxa r-rapport li gie immarkat bhala Dok. "LG 1" (*a fol.* 43 *et seq.*). Jghid li l-imputat qallu li kien qed jahdem bhala *customer care* fil-*club* 'Private'. Meta gie mistoqsi jghid jekk staqsiex lill-imputat fiex kien jikkonsisti xoghlu, wiegeb hekk: *"Qalli biex nuru xi direzzjoni lejn in-nies u naqdu lin-nies"* (*a fol.* 42). Jghid li l-imputat qallu li hu kien laqa' d-daqqa tal-parti leza u mbuttah (lill-parti leza) biex jiddefendi lilu nnifsu.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 123 *et seq.*), jghid li kien qieghed stazzjonat Paceville u waqt li kien qieghed hemmhekk semghu xi storbju, gew infurmati li kien hemm glieda u mar fuq il-post dak il-hin stess. Mistoqsi jghid jekk il-parti leza kienx fi stat xurban, wiegeb: *"Jiena skond il-minuti li ghandi fir-rapport dakinhar kien deherli li Salvatore kien ha xi drink mhux wiehed jigifieri, kien deher fi stat xurban"* (*a fol.* 123). Jghid: *"Kellu riha qawwija ta' xorb wkoll go*

*halqu u beda jaghmel qisu bhal wiehed xurban, beda jirraguna bhal wiehed xurban, jghajjat u hekk"* (*a fol.* 123). Jghid li meta tkellem mal-parti leza, il-parti leza beda jsabbat fuq wiccu u jaghti bil-ponn go wiccu. Jghid li l-parti leza beda jidghi u jghajjar lill-imputat fuq il-politika.

In <u>ri-ezami</u>, li sar fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 124 *et seq.*) ikkonferma li meta l-parti leza wrieh in-nuccali, in-nuccali kien diga miksur. Jghid li lill-imputat gie li rah barra l-*club* 'Private' f'Paceville.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2012, xehdet **Dr. Marika Caruana** (*a fol.* 49 *et seq.*) rigward certifikat mediku (Dok. "MC 1" – *a fol.* 51) rilaxxat minnha fil-konfront tal-parti leza. Tul id-depozizzjoni taghha kkonfermat ic-certifikat rilaxxat minnha.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li wara li ezaminat lill-parti leza rriferietu l-isptar ghall-osservazzjoni.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2012, xehed ukoll **PC 443 Vincent Mifsud** (*a fol.* 52) fejn spjega li minn ricerka li ghamel fuq l-imputat ma rrizultax li l-imputat ghandu licenzja ta' gwardjan privat. Mistoqsi jghid jekk l-imputat qattx kellu licenzja u jekk forsi giet mnehhija, wiegeb fin-negattiv.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2012, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Godwin Scerri** (*a fol.* 53 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu in segwitu ta' dak li gara f'Paceville fit-3 ta' Mejju 2012 fil-5.00am. Jghid li ghall-habta tal-11.00am, il-parti leza rega' mar l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan fejn ghaddielhom certifikati medici ffirmati minn Dr. Charmaine Cremona f'liema cetifikati hemm indikat li l-parti leza kien qed isofri minn griehi gravi f'wiccu kif ukoll f'ghajnejh. Ezebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati minn Dok. "GSX 1" sa "GSX 3" (*a fol.* 55 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 111a *et seq.*), jghid li l-ewwel hin li kellem lill-parti leza wara l-akkadut kien fil-ghodu ghall-habta tal-10.00-10.30am. Jghid li l-parti leza kkonferma l-verzjoni li kien diga ta lill-Pulizija. Jixhed li l-parti leza qallu li l-imputat qallu: *"issa nirrangawk la nitilghu ahna fil-Gvern"* (*a fol.* 111b). Jixhed li l-parti leza qallu li din ma kienitx l-ewwel darba li l-imputat qal dan il-kliem. Jghid li lill-parti leza kien staqsieh kemm kien ilu Paceville qabel sehh l-akkadut u li l-parti leza qallu li ma kienx ilu hafna. Jghid li l-parti leza qallu li hu kien qed jixrob pero kien f'sensieh. Mistoqsi jghid kif wasal ghall-konkluzjoni li l-imputat jaghmel xoghol ta' *bouncer*, wiegeb: *"Ghax ix-xoghol li kien qieghed jaghmel huwa xoghol ta' bouncer. Dakinhar kien ghassa mal-bieb jara min jidhol u johrog u jekk persuna jidhirli m'ghandux idahhlu hu jkun il-persuna illi jzommu u jkeccih 'l hemm kif fil-fatt ghamel dakinhar lil Salvatore Baldacchino"* (*a fol.* 111d). Mistoqsi jghid jekk qattx ra qabel lill-imputat Paceville, wiegeb li gie li kien rah pero hu personalment

qatt ma talbu ghal permess. Jghid: *"Gieli rajtu iva b'ghajnejja u jkun fl-istess post fil-bieb"* (*a fol.* 111d).

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2012, xehdet **Celia Melillo** (*a fol.* 70 *et seq.*) fejn qalet li hija sid il-hanut ta' 'Ohea Opticians' u kkonfermat rcevuta originali mahruga mill-hanut taghhom (*a fol.* 59).

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2012, xehdet **Dr. Charmaine Cremona** (*a fol.* 101 *et seq.*) rigward ic-certifikati medici rilaxxati minnha, liema certifikati gew immarkati bhala Dok. "SB 1" u "SB 2" (*a fol.* 75 u 76). Filwaqt li kkonfermat il-kontenut ta' dawn ic-certifikati, Dr. Cremona spjegat li rrizultalha li l-parti leza Baldacchino kellu qasma fuq in-naha tax-xellug tal-ghajn. Tghid li ezaminat lill-parti leza fl-Emergenza fl-iSptar Mater Dei u ccertifikat li kellu griehi ta' natura gravi. Tghid li ghamlitlu l-punti u li r-raguni ghala kklassifikat il-griehi bhala gravi kienet ghax il-parti leza kellu qasma f'wiccu li kellha bzonn il-punti fuqha. Tghid li wara lill-parti leza ma regghetx ratu.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li ezaminat lill-parti leza fid-8.40am. Mistoqsija tghid jekk hux possibbli taghmel punti fuq xi hadd li ghandu livell ta' alkohol gholi, wiegbet illi sakemm il-pazjent ma jkunx qed igib ruhu b'mod aggressiv li lilha ma jhallihiex tahdem fuqu, ma ghandu jkun hemm l-ebda raguni ghala ma taghmilx punti fuqu.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2014, xehed l-imputat **Luciano Galea** (*a fol.* 145 *et seq.*) fejn qal li dakinhar tal-akkadut kien qiegHed fil-bieb tal-*club* in kwistjoni jilqa' n-nies gewwa u jghidilhom fejn joqghodu. Jghid li xoghlu jikkonsisti f'dak ta' *customer care*. Jghid li fil-hin tal-akkadut kien jinsab barra peress li s-*security* kien telaq. Jispjega li l-parti leza mar biex jidhol fil-*club* ghall-habta tal-4.00am u hu (l-imputat) wiegbu li ma setghax jidhol pero l-bieb kien maghluq. Jghid: *"Qalli ma nistax nidhol qalli ghax taf li kien Nazzjonalist? Ghidtlu le, ghidtlu m'hemmx politika hawnhekk"* (*a fol.* 146). Jghid li l-parti leza ma jafx x'jismu pero jafu l-*counting hall*. Jghid li minkejja li lill-parti leza qallu li l-bieb kien maghluq, hu xorta ried jidhol. Jghid: *"Ghidtlu maghluq u ried jidhol bilfors. Prova jhebb ghalija u mbuttajtu jien. Kellu wiccu kollu demm"* (*a fol.* 147). Jghid li l-parti leza kien xurban u dana kkonkludieh mir-riha ta' xorb li kellu u mill-kliem li beda jghid. Jghid li l-parti leza beda jsemmi l-politika u beda jghid kliem oxxen. Jixhed li l-parti leza hebb ghalih u hu (l-imputat) iddefenda ruhu billi mbuttah. Mistoqsi jghid x'gara wara li mbuttah, jghid: *"Qam. Kien bid-demm diga' go wiccu kien bid-demm. Qam, rega' bil-paroli u telaq 'l hemm"* (*a fol.* 148). Jghid li, wara xi hin, il-parti leza mar mal-Pulizija u rega' pprova jhebb ghalih (ghall-imputat). Jghid li l-parti leza beda jaghti d-daqqiet f'wiccu. Jixhed li ra lil James, *security* tal-*club* 'Stiletto' li jinsab faccata. Jghid li l-parti leza kellu diga xi argument qabel ma' tat-*taxis* ghax sema xi ghajjat. Jghid li kien ilu jahdem il-hanut madwar tlitt-erba' snin.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li sema' xi ghajjat qabel il-parti leza mar quddiemu. Jghid li sema' lill-parti leza jghajjar lil tat-*taxis*. Jghid li beda jargumenta maghhom. Jghid li fil-hin li sehh l-akkadut ma kien

hemm hadd izomm in-nies mal-bieb ghax is-*security* kien lehaq telaq. Jichad li l-*club* kien miftuh fil-hin tal-akkadut. Jghid li hu beda jzomm lin-nies milli jidhlu.

Illi, fis-seduta tat-30 ta’ Gunju 2014, xehed **James Calleja** (*a fol.* 159 *et seq.*) fejn spjega li lill-imputat jafu fuq xoghol f’Paceville Mistoqsi jghid jekk jafx x’inhu x-xoghol li jaghmel l-imputat, jghid li l-imputat huwa *promoter* u jqassam it-*tickets* tad-*drinks* barra fit-triq. Jghid li dakinhar tal-akkadut jiftakar li kien mar wiehed li kien kwazi fis-sakra u ried jidhol fil-*club* u li kienu diga daqqu l-4.00am. Jghid li dak il-hin il-*club* kien maghluq u li dan il-persuna hadha qisha offiza ghax ma thalliex jidhol u mbotta lill-imputat u l-imputat iddefenda lilu nnifsu. Jichad li l-imputat kien vjolenti. Jghid li l-imputat laqat b’idejh. Mistoqsi jghid jekk kienx hemm xi diskors bejn l-imputat u dan il-persuna wiegeb fl-affermattiv u jghid li d-diskors kien fuq politika minn naha tal-persuna in kwisjtoni. Jixhed li wara li sehh il-battibekk, il-persuna l-ohra beda jghajjar lill-imputat u joffendih.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-ewwel stqarrija (Dok. “GSX 1” – *a fol.* 55 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma’ avukat u huwa ma hax dan id-dritt, meta l-imputat gie mistoqsi x’tip ta’ xoghol jaghmel, wiegeb: *“Boqq, customer care”* (*a fol.* 55). Jghid li huwa jahdem fil-‘Private Lounge’, f’Paceville u li postu huwa kullimkien. Jaqbel li huwa jiccekkja l-karta tal-identita tal-persuni li jkunu jriedu jidhlu fil-*club*. Mistoqsi jghid dwar l-akkadut, fil-waqt li jixhed fuq l-istess linji li ta d-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti, wiegeb: *“dan beda joffendini bil-familja u bil-mejtin tieghi, jtajjar il-bzieq go wicci u jien bdejt nghidlu biex jersaq, ma riedx jersaq u jien imbuttajtu u rega’ gie ghalija u jiena bqajt nimbuttah ‘l hemm”* (*a fol.* 57). Jichad li huwa ta daqqa ta’ ponn lill-parti leza pero jghid li mbuttah.

Illi, fit-tieni stqarrija (Dok. “GSX 2” – *a fol.* 58 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma’ avukat u huwa ma hax dan id-dritt, l-imputat baqa’ jsostni li lill-parti leza huwa kemm mbuttah biss. Jghid li mbuttah darbtejn imbaghad il-parti leza telaq l-hemm. Jichad li meta mbotta lill-parti leza, il-parti leza waqa’ mal-art. Jghid li meta l-parti leza mar hdejh, il-parti leza kien bla nuccali. Ghad-domanda: *“Persuna li kienet qieghda xoghol dak il-hin ukoll ikkonfermat li mhux imbuttar biss kien hemm, x’ghandek xi tghidli dwar dan?”*, wiegeb: *“Skond min hu dan, ghax hu zgur ma kellux nies mieghu, jiena ghandi xhieda mhux hu”* (*a fol.* 58 *tergo*).

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- Il-parti leza jallega li l-imputat joffendih kull meta jarah minhabba li jappoggjaw partiti politici differenti. Jallega wkoll li dakinhar tal-akkadut gara l-istess u meta dar lura biex jara ghala kien qed jigri hekk, qala' daqqa ta' ponn f'wiccu mill-imputat, nkisirlu n-nuccali u sofra xi griehi.

- L-imputat jixhed kif il-parti leza ried jidhol fil-*club* fejn kien hu, u peress li l-*club* kien maghluq qallu li ma setghax jidhol. Jghid li l-parti leza pprova jhebb ghalih u hu (l-imputat) kemm mbuttah lura. Jichad li ta xi daqqa ta' ponn. Jghid li l-parti leza kellu diga xi argument iehor qabel mar hdejh u li kien diga kellu xi demm f'wiccu.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet *'... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."

> (Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

Illi din il-Qorti hija f'pozizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'pozizzjoni, wara li semghet x-xhieda kollha jixhdu *viva-voce* quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom *stante* li kienet hi stess li kkonstatathom x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Illi din il-Qorti ghamlet l-ezercizzju li ssemmi l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** imsemmija hawn fuq u serenament tasal ghal konkluzjoni illi x-xiehda moghtija mill-parti leza Baldacchino, meta huwa qal li l-imputat tah daqqa ta' ponn, hija aktar kredibbli. Il-Qorti tasal ghal din il-konkluzjoni wara li rat il-komportament tax-xhieda li xehdu f'dawn il-proceduri, b'mod partikolari dawk tal-parti leza Baldacchino u tal-imputat. Id-depozizzjoni moghtija minn James Calleja, mressaq mid-difiza, mhijiex wahda konvincenti *stante* li filwaqt li ma jirrizultax kemm kien distanti minn dak li huwa jghid li ra u sema, l-imputat jghid li Calleja huwa *security* fi stabbiliment faccata ta' fejn kien hu. Ma jirrizultax li l-parti leza kien involvut f'xi argument iehor fiziku qabel dak li kellu mal-imputat u dana minkejja li l-imputat jghid li l-parti leza kien diga kellu xi demm fuq wiccu qabel mar hdejh, li mhijiex kredibbli. Apparti minn dan, il-Qorti tinnota wkoll li minkejja li l-parti leza setgha ha xi *drink* zejjed u li kien wasal fi stat ta' sakra meta mar fl-*club* fejn kien hemm l-imputat, u dana qieghed jinghad minhabba dak li jirrizulta mill-atti processwali, dan l-istat ta' fatt *per se* ma jnaqqas xejn minn dak li ghamel l-imputat. Anzi l-imputat kellu jifhem li kellu jagixxi b'mod differenti mal-parti leza f'kaz li huwa kien ra li l-parti leza kien effettivament fis-sakra u mhux jiehu vantagg minn hekk u jaghtih daqqa ta' ponn!

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni –</u>**

**<u>(Feriti ta' Natura Gravi fil-konfront ta' Salvatore Baldacchino)</u>:**

Illi, fir-rigward tal-griehi sofferti minn Baldacchino, il-Qorti tinnota li fid-decizjoni moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut** deciza fit-2 ta' Awwissu 1999, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiza fuq il-persuna:

> "Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqala' xi dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża".

Illi fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Lulju 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa

> f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".

Illi, apparti x-xiehda moghtija mill-parti leza Baldacchino (*a fol.* 37 *et seq.* u *a fol.* 72 *et seq.*) fejn xehed rigward il-griehi sofferti minnu, il-Qorti evalwat ukoll ix-xiehda moghtija minn Dr. Marika Caruana (*a fol.* 49 *et seq.*) u c-certifikat mediku (Dok. "MC 1" – *a fol.* 51) rilaxxat minnha, kif ukoll ix-xiehda moghtija minn Dr. Charmaine Cremona (*a fol.* 101 *et seq.*) u c-certifikati medici rilaxxati minnha (Dok. "SB 1" u "SB 2" – *a fol.* 75 u 76). Il-Qorti tinnota li mentri Dr. Marika Caruana kklasifikat il-griehi sofferti mill-parti leza bhala *"hfief hlief ghal kumplikazzjonijiet"* (*a fol.* 51), Dr. Cremona kklassifikathom bhala gravi (*a fol.* 75 u 76). Fid-depozizzjoni taghha, Dr. Cremona tixhed li kklassifikat il-griehi sofferti mill-parti leza bhala gravi *stante* li l-parti leza kellu qasma f'wiccu u kellu bzonn xi punti.

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq u tenut kont tal-fatt li l-Qorti jirrizultalha li ma kien hemm l-ebda *follow-up* fir-rigward tal-griehi sofferti mill-parti leza, il-Qorti, filwaqt li jirrizultalha li l-parti leza sofra griehi, ma jirrizultalhiex sodisfacentement pruvat li gew kagunati griehi ta' natura gravi fuq il-parti leza pero jirrizultalha li gew kagunati <u>biss</u> griehi ta' natura hafifa u abbazi tal-principju *il piu' comprende il meno*, il-Qorti jidhrilha li ghandha tinstab htija tal-imputat talli kkaguna offiza ta' natura hafifa. Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi misjub hati taht l-ewwel (1) imputazzjoni li kkawza griehi ta' natura hafifa fuq il-parti leza.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni –</u>**

**<u>(Hsara Volontarja ghad-dannu ta' Salvatore Baldacchino)</u>:**

Illi l-imputat gie akkuzat ukoll talli ghamel hsara volontarja ghad-dannu ta' Salvatore Baldacchino. Da parte tieghu, il-parti leza jghid li l-imputat tah ponn f'wiccu u hu (Baldacchino) intilef minn sensieh. Jghid li bid-daqqa ta' ponn nkisirlu n-nuccali. Anke James Calleja, x-xhud prodott mid-difiza, jiddeskrivi lill-parti leza bhala *"xih bin-nuccali"* (*a fol.* 160). Aktar il-fuq diga nghad li ma jirrizultax li l-parti leza kien involvut f'xi argument iehor fiziku qabel dak li kellu mal-imputat u dana minkejja li l-imputat jghid li l-parti leza kien diga kellu xi demm fuq wiccu qabel mar hdejh. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ma ghandu jibqghalha l-ebda dubju li effettivament il-parti leza kien libes in-nuccali fil-hin tal-akkadut u li dana safa mkisser. Dan qieghed jinghad ukoll *stante* li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni dak li xehdet Celia Melillo (*a fol.* 70 *et seq.*), sid il-hanut ta' Ohea Opticians, li kkonfermat l-rcevuta originali li giet mahruga mill-hanut imsemmi, liema rcevuta tinsab immarkata bhala Dok. "GSX 3" (*a fol.* 60). Tenut kont tal-kontenut ta' dan id-dokument u tal-konferma tieghu,

it-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**It-Tielet (3) Imputazzjoni –**

**(Hidma ta' Gwardjan Privat minghajr Licenzja)**:

Illi jirrizulta li l-imputat qatt ma kellu licenzja ta' gwardjan privat, u dana jirrizulta mid-depozizzjoni moghtija minn PC 443 Vincent Mifsud (*a fol.* 52). Minkejja li jirrizulta li l-imputat kien ikun b'mod frekwenti fil-*club* 'Private', jew sahansitra fil-bieb principali tieghu jew quddiemu, minkejja dan, ma giex sodisfacentement pruvat li huwa kien qed jaghmilha ta' gwardjan privat. Il-Qorti tistaqsi x'setghet kienet ir-raguni sabiex il-Prosekuzzjoni takkuza lill-imputat b'din l-imputazzjoni issa, meta l-ufficjali tal-Pulizija, cioé l-Ufficjal Prosekutur (in kontro-ezami *a fol.* 111d) u PS 1128 Glenn Sammut (in ri-ezami *a fol.* 126), jixhdu li gie li raw lill-imputat barra l-bieb tal-*club* 'Private' f'Paceville! Huwa minnu li l-Qorti tista' tispekula dwar jekk l-imputat kienx effettivament qieghed jaghmilha ta' gwardjan privat u, dana *stante* li ma tantx hija wahda konvincenti r-risposta tieghu li huwa kien qed jaghmilha ta' *customer care*, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi liberat mit-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Ir-Raba' (4) u l-Hames (5) Imputazzjoni –**

**(Hebb u Ksur tal-Bon Ordni jew il-Kwiet Pubbliku)**:

Illi, fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni, minn harsa lejn l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali (*a fol.* 110), jirrizulta li l-Avukat Generali jidhirlu li ghandha tinstab htija tal-imputat taht l-Artikolu 339(d). Jirrizulta li Artikolu 339(d) ma jezistiex fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta pero jezisti biss Artikolu 339(1)(d). Minn qari tal-imputazzjoni fic-citazzjoni pprezentata fir-Registru tal-Qorti kontra l-imputat jirrizulta li r-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat tirreferi ghall-ksur ta' Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-imputat kien jaf b'liema fatti kien qed jigi akkuzat. Kien ikun ferm ahjar kieku l-Avukat Generali ndika l-artikolu ezatt tal-ligi (inkluz is-sub-artikolu – u mhux ihallih barra) u dana sabiex jigu evitati kumplikazzjonijiet bla bzonn pero, tenut kont ta' dak li nghad, il-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidra n-nuqqas tal-Avukat Generali milli jindika s-sub-artikolu bhala *lapsus calami*.

Illi, mehud in konsiderazzjoni dak li nghad aktar il-fuq f'din is-sentenza, m'hemmx dubju li, in segwitu ta' dak li sofra l-parti leza, l-imputat effettivament hebb ghalih.

Illi, fir-rigward tal-imputazzjoni rigward il-ksur tal-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, il-Qorti ser timxi ma' gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'

Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *'a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident. M'hemmx dubju li dan jirrizulta fil-kaz odjern.

Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi misjub hati tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi huma biss s-segwenti imputazzjonijiet li gew sodisfacentement pruvati: l-ewwel (1) (taht liema imputazzjoni l-imputat ser jigi misjub hati biss talli kkaguna griehi ta' natura hafifa fir-rigward tal-parti leza), it-tieni (2), ir-raba' (4) u l-hames (5).

Illi, qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet li gew pruvati, il-Qorti tinnota li fis-sentenza moghtija fl-20 ta' Jannar 1995, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Psaila** jinghad s-segwenti:

> "Jigi rilevat li d-dritt ghal-legittima difiza jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fondamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu innifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu tal-forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex dina l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioé it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu *stante* li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, ried jevita xi perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-periklu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dina tista' taghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difiza legittima. Il-perikolu jrid ukoll ikun assolut, cioé li f'dak il-mument li kien qed isehh ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Izda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw."

Illi, dwar l-element ta' l-inevitabilita` il-Professur Sir Anthony Mamo, fin-noti tieghu **Lectures in Criminal Law, Part I**, ighid hekk (pagna 104):

> *"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means."*

Illi, minn qari akkurat ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti ma jirrizultalhiex sodisfacentement pruvat li l-imputat jista' jinvoka l-legittima difesa da parte tieghu u dana *stante* li ma jirrizultax li saret xi difiza da parte tieghu *"biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur"*, u dana kif qalet il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Psaila** kwotata hawn fuq.

Illi lanqas ma jista' jigi nvokat l-iskuzanti tal-provokazzjoni. *Di fatti*, riferenza ghandha ssir ghad-decizjoni moghtija fil-15 ta' Ottubru 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. David Sant** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Hu ovvju wkoll li mhux kull minn jinvoka l-provokazzjoni necessarjament tigi akkordata lilu din l-iskuzanti, ghax il-qorti trid tiehu wkoll in konsiderazzjoni r-regoli stabbiliti mill-gurisprudenza […] bhal, per ezempju l-kaz fejn l-imputat jew akkuzat ikun huwa stess fittex li "jigi provokat" biex ikun jista' jinvoka l-provokazzjoni"*.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti hasbet fit-tul rigward il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat. Il-Qorti tinnota li l-atteggjament tal-imputat fil-konfront tal-parti leza kien wiehed li setgha jigi evitat. Il-vjolenza m'ghandhiex tigi tollerata. Fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti, filwaqt li ser tiehu in konsiderazzjoni dak li ghadu kemm nghad, ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni s-segwenti: n-natura tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat u li gew pruvati u kif ukoll il-fedina penali (*a fol.* 2 *et seq.*) tal-istess imputat.

Illi, in segwitu ta’ dan, il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha timponi piena ta’ prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat. Minflok il-Qorti hija tal-fehma li piena ta’ prigunerija sospiza fil-konfront tal-imputat tkun aktar opportuna fic-cirkostanzi bil-ghan li l-imputat jifhem li dak li huwa ghamel dakinhar tat-3 ta’ Mejju 2012 fil-konfront tal-parti leza kien hazin hafna u ma jergghax jirrepetih. Il-Qorti hija tal-fehma wkoll li s-sentenza ta’ prigunerija sospiza ghandha tinkorpora fiha ordni ta’ hlas sabiex l-imputat ihallas d-danni li sofra l-parti leza fin-nuccali li gie miksur, u cioé is-somma ta’ mitejn u tlitt Euro (€203.00).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati talli kkaguna griehi ta’ natura gravi fil-konfront tal-parti leza kif gie akkuzat bih fl-ewwel (1) imputazzjoni, ma ssibux hati wkoll tat-tielet (3) imputazzjoni u b’hekk tilliberah minn dawn l-akkuzi, u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tas-7 ta’ Dicembru 2012 b’mod partikolari Artikoli 214, 215, 325(1)(b), 338(dd), u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u wara li rat ukoll Artikolu 221(1) tal-istess Kapitolu 9, issib lill-imputat Luciano Galea hati tar-reat minuri kompriz u involut fl-ewwel (1) imputazzjoni (u cioé ta’ offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Salvatore Baldacchino) u ssibu hati wkoll tat-tieni (2), tar-raba’ (4) u tal-hames (5) imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta’ tmien (8) xhur prigunerija li b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal perijodu ta’ sena u b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28H tal-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien xahar millum ihallas lil Salvatore Baldacchino s-somma ta’ mitejn u tlitt Euro (€203.00).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena jew jekk ma jhallasx l-ammont ta’ mitejn u tlitt Euro (€203.00) fiz-zmien lilu moghti.

*In oltre*, il-Qorti, wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-hati b’garanzija personali ta’ elf Euro (€1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta’ Salvatore Baldacchino.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------